MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 510/1971/3

**Emanuele Barbara u b'digriet tat-28 ta' Ottubru 1974 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Felice Barbara, Joseph Carbonaro bhala kuratur ta' l-interdett Carmelo Barbara,**
**Lina mart John Zammit u Carmen mart Paolo Galea bhala kuraturi de jure ta' l-imsemmija eredita` peress li**
**Emanuele Barbara miet fil-mori tal-kawza u l-Perit Arkitett Joseph Barbara; u b'digriet tas-26 ta' Marzu 2004 il-kawza ghaddiet f'isem Hector Barbara, Angela Grima, Carmela Cassar, Giacomina Mifsud, Joseph Barbara, Paul Barbara,**
**Anthony Barbara u Therese Vella bhala eredi prezuntivi ta'**

**Felice Barbara; f'isem Angiolina Carbonaro bhala eredi prezuntiva ta' Carmelo Barbara, u f'isem Angiolina Zammit u Carmela Galea bhala eredi prezuntivi ta' Antonio Barbara; u b'zewg digrieti tal-14 ta' Lulju 2006 James Barbara assuma l-atti tal-kawza minflok Joseph Barbara li miet fil-mori tal-proceduri, u John Barbara, Bridget Grixti, Charmaine Barbara, Rita Barbara (din f'isem il-minuri Leanne u Matthew Barbara) u Felix Barbara assumew l-atti minflok Hector Barbara li wkoll miet fil-mori tal-proceduri.**

**v.**

**Salvino Bugeja bhala Segretarju tal-War Damage Commission.**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi li tghid hekk:
"peress li l-atturi bhala propretarji tal-fondi 1 sa 5 Timber Wharf, kantuniera ma' 77 sa 83 Fisherman Street, Marsa, issottomettew lill-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra zewg 'claims' ghal kumpens skond il-ligi tal-hsara tal-istess fondi li sofrew b'azzjoni tal-Gwerra;

"u peress li wahda minn dawn il-'claims' hija in rispett tal-parti mill-fondi imsemmija li giet kompletament distrutta, u cioe 3-4-5 Timber Wharf u 77-78-79-80 Fisherman Street Marsa, ghal liema hsara l-atturi kienu talbu, fuq hmistax-il sena ilu, s-somma ta' hamsa u erbghin elef, mitejn wiehed u hamsin u hmistax-il lira Maltin [Lm45,251.15];

"u peress li in segwitu l-prezzijet korrenti ta' materjal u manodopera zdiedu konsiderevolment;

"u peress li fl-1966 il-Kummissjoni waslet ghall-figura finali komplessiva rigwardanti l-imsemmi 'claim' ta' tmienja u ghoxrin elf erba' mija hamsa u tmenin lira [Lm28,485] biss;

“u peress li bejn l-1965 u l-1968 l-atturi kkostruwew [mill-fondi kompletament distrutti] il-fondi 4-5 Timber Wharf u 77-78 Fisherman Street, Marsa u b’ekonomija l-iktar stretta fl-esekuzzjoni tax-xoghol u nonostante li ghad fadal hafna xoghol xi jsir, nefqu ghal dan l-iskop is-somma ta’ sebgha u tletin elef u mija u hamsin lira [Lm37,150];

“u peress li l-konvenut irrilaxxja favur l-atturi s-somma ta’ Lm28,485 u rrifjuta li jirrendi l-istima;

“u peress li a bazi ta’ din l-figura ta’ Lm37,150 in-nefqa ghar-rikostruzzjoni kompleta tal-parti mill-fondi li kienet giet kompletament distrutta tigi tqum kwazi sittin elef lira [Lm60,000] u bl-awment ulterjuri tal-prezzijiet f’dawn l-ahhar snin, nefqa totali ta’ hamsa u sittin elf lira [Lm65,000] hija aktar realistika;

“u peress li skond il-War Damage Ordinance 1943 il-‘cost of works payment’ ghandu jkun ammont ekwivalenti ghall-*‘proper cost’* tax-xoghlijiet maghmula biex tissewwa l-hsara [art.19(1)(2)];

“u peress li ghal hafna mix-xoghlijiet esegwiti mill-atturi ma kienx hemm prezzijiet iffissati mill-‘Building Costs Board’ u ghalhekk f’dan il-kaz il-‘proper cost’ huwa dak li hu xieraq [reasonable] billi jitqiesu l-prezzijiet ta’ l-irkaptu r-rati ghall-hlas tax-xoghol li jkunu korrenti fis-suq meta x-xoghlijiet ikunu gew attwalment esegwiti, u cirkostanzi ohra rilevanti;

“u peress li l-istima li saret mill-Kummissjoni tal-‘proper cost’ hi manifestament ingusta u grossolanament zbaljata u ghal dawk il-partiti li ghalihom ma hemmx prezzijiet iffissati mill-‘Buildidng Cost Board’ m’hiex bazata fuq dak li jordna l-Artikolu 19 ta’ l-imsemmija Ordinanza u specifikatament l-inciz 3[ii] ta’ l-istess Artikolu;

“u peress li b’dan il-mod il-Kummissjoni agixxiet in vjolazzjoni tal-ligi u abbuzat mill-poteri taghha b’mod li d-decizjoni taghha fil-fissazzjoni tal-massimu imsemmija hija “ultra vires” u soggetta ghar-revizzjoni mill-poter gudizzjarju tal-pajjiz fil-gurisdizzjoni tieghu ordinarja;

“jghidu l-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet imsemmija, m’ghandhiex din il-Qorti tiddikjara u tiddecidi illi fil-fissazzjoni tal-‘proper cost’ ghax-xoghlijiet esegwiti mill-atturi, u li ghalihom m’hemmx prezzijiet tal-‘Building Costs Board’, il-Kummissjoni imsemmija ma mxietx skond id-dettami tal-ligi, cioe` tal-War Damage Ordinance 1943;

“tiddikjara u tiddeciedi illi l-ammont ta’ Lm28,485 li ghalih waslet il-Kummissjoni bhala kumpens tal-hsarat li jifformaw il-meritu tal-’claim’ imsemmija ghall-parti kompletament distrutta tal-fond fuq indikati hu grossolanament zbaljat u manifestament ingust;

“tiddikjara u tiddeciedi illi per konsegwenza, id-decizjoni tal-Kummissjoni hija ‘ultra vires’ u ghalhekk nulla; u

“ghal dawn il-finijiet ghaliex din l-istess Qorti m’ghandhiex tillikwida ghall-bzonn permezz ta’ periti nominanti, id-differenza bejn is-somma ta’ Lm28,458 li ghaliha waslet il-Kummissjoni, u dik is-somma li l-Kummissjoni kienet tasal ghaliha kieku mxiet skond il-ligi u adempiet sewwa d-doveri taghha;

“B’riserva ta’ kull azzjoni ghad-danni, inkluzi l-interessi, kontra l-konvenut nomine u bl-ispejjez.  Il-konvenut hu ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccipixxa illi:
“Preliminarjament, illi din il-Qorti mhix kompetenti li tindahal fi kwistjonijiet relattivi ghall-ammont tal-hlas ghall-hsarat tal-gwerra peress li kwistjonijiet bhal dawn ghandhom jigu decizi mill-Kummissjoni ghall-Hsarat tal-Gwerra bhala l-ewwel stadju gudizzjarju u jaghtu lok ta’ appell fuq punt ta’ ligi lill-Qorti ta’ l-Appell tal-Maesta` Taghha r-Regina;

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta’ Gunju, 1972, li in forza taghha cahdet l-eccezzjoni

sollevata mill-konvenut li l-Qorti hija inkompetenti li tissindika d-decizjoni ta’ l-imsemmija War Damage Commission;

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-22 ta’ Marzu, 1976, li in forza taghha irriformat is-sentenza appellata fis-sens illi:
“.... limitatament ghall-ahhar talba kontenuta fic-citazzjoni, tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut nomine u tiddikjara li l-Qorti hija inkompetenti minhabba difett tal-gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni ta’ dik it-talba u f’dawn il-limiti u “pro tanto” tillibera lill-istess konvenut nomine mill-osservanza tal-gudizzju, fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu irrispingiet l-istess eccezzjoni, moghtija kif f’dik is-sentenza inghad f’sens assolut, riferribbilment ghat-talbiet l-ohra, u inoltre tirrevoka in-nomina peritali biss in kwantu riferribbli ghal dik l-ahhar talba salv dak li ghar-rigward tar-regolament tal-provi mill-ewwel Onorabbli Qorti aktar ’il fuq inghad.

“L-ispejjez taz-zewg istanzi relattivi ghall-incident, fic-cirkostanzi, jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta’ Dicembru, 1994, fejn il-Qorti regghet ikkonfermat il-kompetenza taghha fil-materja in ezami, fis-segwenti termini:
“.... dina l-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju li hija l-Prim Awla fil-gurisdizzjoni normali taghha, li trid tistabbilixxi jekk il-kriterji preskritti mil-ligi biex jigi determinat l-ammont pretiz gewx segwiti. U f’dan is-sens waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni f’dan l-istadju tat-talbiet ta’ l-atturi, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tirrimetti lura l-process lill-Perit Tekniku biex jirrelata lil dina l-Qorti jekk effettivament dawn il-kriterji gewx segwiti u, ghalhekk, din is-sentenza ghandha titqies bhala aggunta mas-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti ta’ l-Appell li bejn il-partijiet ghadha valida u hija ‘res judicata’.”

Rat is-sentenza finali moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta’ Ottubru, 2003, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

“.... tilqa’ **l-ewwel tlett talbiet** ta’ l-atturi u tiddikjara li fil-fissazzjoni tal-*proper cost* ghax-xoghlijiet esegwiti mill-atturi, u li ghalihom m’hemmx prezzijiet tal-*Building Costs Board*, il-Kummissjoni imsemmija ma mxietx skond id-dettami tal-War Damage Ordinance 1943 u li l-ammont ta’ Lm28,485 li ghalih waslet il-Kummissjoni bhala kumpens tal-hsarat li jifformaw il-meritu tal-claim imsemmija ghall-parti kompletament distrutta tal-fondi fuq indikati hu manifestament ingust, u per konsegwenza tiddeciedi li d-decizjoni tal-Kummissjoni hija *ultra vires* u ghalhekk nulla. Bl-ispejjez ta’ dawn it-talbiet a karigu tal-konvenut.

“Rigward l-ahhar talba ta’ l-atturi, dik relattiva ghal-likwidazzjoni *ut sic*, jigi rilevat li l-konvenut kien gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell bis-sentenza moghtija fit-22 ta’ Marzu 1976 fuq citata.”

Rat li kontra din is-sentenza gie intavolat appell mill-konvenut fejn eccepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni ta’ sentejn fit-termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, u ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu illi dina l-Qorti joghgobha:
“(1) thassar u tannulla s-sentenza appellata tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta’ Dicembru 1994 u minflok tirrimetti l-kawza lil dik il-Qorti sabiex din tigi deciza skond il-ligi u, subordinatament fil-kaz illi dina l-Onorabbli Qorti issib illi m’hemmx lok illi l-imsemmija sentenza tigi annullata, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta’ Dicembru 1994 u, minflok tordna illi l-parametri ta’ din il-kawza ghandhom jigu mfissra fid-dawl tad-diversi gudikati u cessjonijiet ta’ kawzi precedenti illi kienu jittrattaw it-talba ta’ l-atturi ghal kumpens ghall-hsarat tal-gwerra dwar il-fondi in kwistjoni f’din il-kawza, u dan okkorrendo wara li l-process jerga’ jigi rimess lill-ewwel Qorti; u

“(2) thassar u tannulla s-sentenza appellata tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta’ Ottubru 2003 u minflok tirrimetti l-kawza lil dik il-Qorti sabiex din tinghata smigh u tigi deciza skond il-ligi u, subordinatament fil-kaz illi dina l-Onorabbli Qorti ssib illi m’hemmx lok illi l-imsemmija

sentenza tigi annullata, thassar u tirrevoka l-istess sentenza u, minflok tichad it-talbiet ta' l-atturi.

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati."

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-atturi;

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-12 ta' Jannar, 2007, li in forza taghha ddisponiet mill-kawza billi laqghet l-appell limitatament kif gej, u cioe`:
"(1) tirriforma s-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2003 billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqghet l-ewwel tliet talbiet attrici u ghalhekk tichadhom minhabba preskrizzjoni, izda tikkonfermaha fir-rigward ta' dak li irrilevat kwantu ghar-raba' u l-ahhar talba attrici, u konsegwentement (2) tastjeni milli tippronunzja ruhha dwar is-sentenza tat-22 ta' Dicembru 1994. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tenut kont specjalment tal-komplessita` tieghu, l-ispejjez – kemm dawn decizi bis-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2003 kif ukoll ta' din l-istanza – ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet."

Din il-Qorti tat is-sentenza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Fl-udjenza tat-2 ta' Mejju 2006 quddiem din il-Qorti (il-Qorti ta' l-Appell) gie verbalizzat hekk: *"Dr. Peter Grech jirtira l-ewwel aggravju tieghu kif kontenut f'pagna 5 tar-rikors ta' l-appell u senjatament l-aggravju dwar in-nullita` tas-sentenza "billi l-okkju ma jinkludix il-partijiet kollha fil-kawza ... ... u ma saritx trasfuzjoni tal-gudizzju."*

"Dan l-ewwel aggravju kontenut f'pagna 5 tar-rikors ta' l-appell jirreferi ghas-sentenza parzjali tat-22 ta' Dicembru 1994. L-appellant issolleva aggravju identiku f'pagna 7 tar-rikors ta' l-appell tieghu fil-konfront tas-sentenza finali tal-15 ta' Ottubru 2003 – elenkat bhala aggravju numru 3 iktar il-fuq. Din il-Qorti tifhem li l-intenzjoni ta' l-appellant kienet li jirtira wkoll dan l-aggravju numru 3, billi ma jaghmilx sens li jirtira l-aggravju fil-konfront tas-sentenza tat-22 ta' Dicembru 1994 u ma jirtirahx ukoll fil-konfront tas-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2003. Il-fehma f'dan is-sens ta' din il-Qorti hija wkoll imsahha mill-fatt li fl-

imsemmi verbal tat-2 ta’ Mejju 2006 gie wkoll verbalizzat illi *“Id-difensuri tal-partijiet ghal kull buon fini jaqblu li ma hemm ebda difett formali fl-atti.”* Ghaldaqstant din il-Qorti tifhem illi t-tielet aggravju wkoll gie rtirat.

“Il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra fl-ewwel lok l-aggravju elenkat iktar ‘l fuq bhala aggravju sitta dwar il-preskrizzjoni, u dan ghaliex jekk dan l-aggravju huwa gustifikat, ikun inutli li din il-Qorti tinoltra ruhha fl-aggravji l-ohra sollevati.

“F’dan l-aggravju, l-appellant jissottometti illi l-azzjoni attrici hija preskritta bit-trapass tat-terminu ta’ sentejn fit-termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. L-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili jippreskrivi illi *“L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn.”* L-appellati jirribattu din l-eccezzjoni billi principalment jistriehu fuq il-konsiderazzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti fis-sentenza tal-15 ta’ Ottubru 2003 (Citaz. Nru. 1196/80) li kienet qieghda tinstema’ kontestwalment ma’ din il-kawza.

“Fl-azzjoni odjerna -- kif limitata bis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-22 ta’ Marzu 1976[1] -- l-atturi qeghdin jallegaw li l-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra kisret il-ligi, u cioe` l-Ordinanza dwar il-Hsarat tal-Gwerra ta’ l-1943, partikolarment l-Artikolu 19(3), u ghalhekk agixxiet *ultra vires* fil-likwidazzjoni tal-kumpens ghall-hsarat tal-gwerra kkagunati lill-fondi fuq imsemmija proprjeta` taghhom, u ghalhekk talbu lill-ewwel Qorti tiddikjara li d-decizjoni tal-Kummissjoni *de quo* hija nulla. Din l-azzjoni hija naturalment pre-ordinata sabiex, f’kaz ta’ ezitu pozittiv, il-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra terga’ jew tirrevedi u tillikwida l-ammont ta’ kumpens talvolta dovut lill-atturi ghall-hsarat sofferti fil-fondi taghhom jew thallas id-danni ghall-agir illegali taghha – zewg ipotezijiet li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, cioe` meta si tratta ta’ agir bi ksur tal-ligi da parti ta’ tribunal amministrattiv jew kwazi-gudizzjarju, huma ekwipollenti.

[1] A fol. 47-55 tal-process 510/71

"Bid-dovut rigward lejn il-Prim Awla, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti tal-15 ta' Ottubru 2003 fil-kawza 1196/80[2] li "*dak li qeghdin jitolbu l-atturi mhux danni emanenti minn delitt jew kwazi delitt, imma t-talba taghhom hija bazata fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni fil-fissazzjoni tal-kumpens dovut ma ssodisfatx pjenament it-termini tal-ligi, u allura n-natura ta' l-azzjoni hija wahda ta' inadempiment parzjali ta' obbligu legali u mhux wahda ta' danni."* L-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jippreskrivi illi *"Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk."* (enfasi mizjuda). Huwa stabbilit fil-gurisprudenza li l-elementi rikonoxxuti ta' azzjoni delittwali huma tlieta: *"(1) un fatto illecito (2) l'imputabilita` di questo fatto al suo autore (3) un danno cagionato da questo fatto"* (**Baudrie-Lacantinerie**: **Delle Obbligazioni** Vol. IV p.555).

"Ghaldaqstant, sabiex jista' jinghad illi fatt huwa illecitu, irid jigi ppruvat illi gie vjolat dritt tad-danneggjat li huwa protett mil-ligi, u li konsegwentement id-danneggjant naqas mill-obbligu tieghu li jirrispetta dak id-dritt. Fill-fatt l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jaghmilha cara li huwa biss *"Kull min, … … jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi…"* li huwa responsabbli ghad-danni. **De Cupis** (**Il Danno** (2 ed) Vol I pag. 67) jispjega illi *"Danno ingiusto: vale a dire, prodotto da atto umano antigiuridico, e antigiuridicita` significa contrarieta` a specifiche norme e principi di diritto, cui l'art. 2043 automaticamente rinvia nel mentre stabilisce la sanzione del danno arrecato in violazione di esse."*

"Ghalhekk kif sewwa osserva l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu, anke persuna illi "tikser dmir impost mil-ligi", bhalma qed jigi allegat li ghamlet il-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra kemm f'din il-kawza kif ukoll fil-kawza 1196/80, hija passibbli ghal "delitt jew kwazi-delitt" fit-termini ta' l-Artikolu 1033 fuq citat.

[2] Pagna 5 a fol. 238 tal-process 1196/80.

"Hekk fil-kawza **John Lowell et v. Onor. Dottor Carmelo Caruana noe**, deciza fl-14 ta' Awissu 1972, il-Prim Awla tal-Qorti Civili rriteniet li att amministrattiv kien *ultra vires*, u konsegwentement il-Gvern kien responsabbli ghad-danni: *"L-atti ta' l-Esekuttiv maghmulin b'eccess tal-poteri fih vestiti mill-ligi huma illegali u jistghu jaghtu lok, fil-kazijiet kongruwi, ghall-hlas tad-danni derivanti mill-illecitu."* Ghalkemm f'dik il-kawza l-Qorti ma qalitx espressament illi r-responsabbilita` tad-danni kellha tigi determinata skond ir-regoli preskritti mill-Kodici Civili, dan huwa sottointiz fl-istess sentenza u mir-riferenza li ghamlet dik il-Qorti ghall-kuncett ta' l-illecitu. Fil-fatt, fid-decizjoni ghal-likwidazzjoni tad-danni f'dik il-kawza, d-danni gew likwidati skond ir-regoli stabbiliti fid-dritt Civili Malti dwar l-illecitu (ara decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell **John Lowell et v. Onor. Carmelo Caruana noe**, deciza fid-29 ta' Mejju 1991).[3]

"Fir-risposta ta' l-appell taghhom l-appellati jissottomettu li l-azzjoni ma tistax tkun preskritta ghaliex huma ma gibdux fl-intier l-ammont ta' flus li kien assenjat lilhom mill-Kummissjoni ghat-tiswijiet u ghaldaqstant skond huma l-*claims* ghadhom miftuha. Fl-ewwel lok jigi rilevat illi dan il-fatt ma jirrizultax mill-provi fl-ebda wiehed mill-processi u jissemma' l-ewwel darba f'din ir-risposta u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dan il-fatt, jekk se mai verament hu hekk. Fi kwalunkwe kaz, dan il-fatt, jekk ghall-grazzja ta' l-argument huwa veru, bl-ebda mod ma jbiddel il-posizzjoni dwar id-dekorriment tal-perjodu tal-preskrizzjoni. L-Artikolu 2116 tal-Kodici Civili jaghmilha cara illi *"Id-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu jghoddu f'kull kaz li ghalih ma jkunx ipprovdut xort'ohra f'partijiet ohra ta' dan il-Kodici jew f'ligijiet ohra."*

"Il-preskrizzjoni dwar azzjonijiet taht l-Artikolu 1033, billi si stratta ta' danni m'hux kagunati b'reat, hija dik ta' sentejn kontemplata fl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Fl-ahjar ipotesi ghall-appellati l-perjodu ta' sentejn beda jiddekorri

[3] Ara fl-istess sens is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell **Frank Pace et v. Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fit-28 ta' Jannar 2005.

fil-5 ta' Settembru 1968 meta l-Kummissjoni irrilaxxat favur l-appellati s-somma ta' £28,485, pero` irrifjutat li tirrevedi l-istima. Ic-citazzjoni odjerna giet prezentata fl-4 ta' Gunju 1971, u cioe` xhur wara li kien lahaq skada l-perjodu preskrittiv ta' sentejn.

"Fid-dawl ta' dan, ma hemm l-ebda skop li din il-Qorti tikkunsidra l-aggravji l-ohra ta' l-appellant."

Rat ir-rikors tar-ritrattazzjoni mressaq mill-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu lil din il-Qorti sabiex:
"1. Tiddikjara li s-sentenza tat-12 ta' Jannar 2007 fil-kawza fl-ismijiet premessi hija affetta minn zball fl-applikazzjoni tal-ligi kif fuq inghad;

"2. Tiddikjara u tiddeciedi li dan l-izball jikkostitwixxi bazi ghar-ritrattazzjoni, u dan a tenur ta' l-artikolu 811 sub inciz E, tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

"3. Thassar u tannulla s-sentenza tat-12 ta' Jannar, 2007 fil-kawza fl-ismijiet premessi u dan billi affetta bl-izball fl-applikazzjoni tal-ligi kif fuq inghad;

"4. Tordna r-ritrattazzjoni ta' l-istess kawza biex dina tigi mismughha, trattata u deciza skond il-ligi u b'hekk tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut;

"Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ta' l-intimat;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi ritrattandi qed jitolbu fl-ewwel lok, it-thassir tas-sentenza li tat din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-12 ta' Jannar, 2007 peress li qed jallegaw li dik is-sentenza hi affetta minn zball tal-ligi fit-termini ta' l-Artikolu 811(e) tal-

Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili. Tajjeb li jigi osservat mill-bidu nett li r-rimedju ta' ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lummeggjat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istess istitut, bil-konsegwenza logika illi r-regoli li jiggovernaw l-istess istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima.

Diversament taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza, u b'hekk indirettament jinholoq tribunal tat-tielet istanza.

Is-subinciz (e) ta' l-Artikolu 811 li fuqu ir-ritrattandi qed jibbazaw it-talba ghas-smigh mill-gdid jipprovdi illi tista' tigi milquha talba bhal din "jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin". Il-ligi fil-fatt timponi din il-limitazzjoni u tghaddi biex tiddefiniha bil-mod segwenti.
"Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwestjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni."

L-accenni gurisprudenzjali fir-rigward ta' dan is-subinciz isegwu dan l-orjentament:-
(1) L-applikazzjoni hazina timmanifesta ruhha meta jkun hemm "la violazione manifesta di una legge espressa, chiara, non soggetta ad interpretazione, ne a raziocini o argomenti ... ("**Com. Francesco Azzopardi –vs– Francesco Galea**", Appell, 17 ta' Frar 1876; "**Vincenza Borg –vs– Giuseppe Giordimaina**", Appell, 19 ta' Jannar 1996 u "**Maria Teresa Grech et –vs– Giljan Abela**", Appell, 8 ta' Gunju, 1999).

(2) "Che la Corte in un giudizio di ritrattazione, non puo` entrare, come nel caso di un regolare appello, ad esaminare se il fatto come stabilito dalla Corte sia erroneo o meno; ma per vedere se vi sia mala applicazione di legge deve prendere per unica base il fatto come stabilito dalla Corte nella sentenza impugnata" – "**Negte Giuseppe Vella Zarb –vs– Antonio Bartolo**", Appell, 3 ta' 1930).

(3) "A testimonianza del **Mattirolo** (Trattato di Diritto Giudiziario Civile, Vol IV para 1043) e` ormai pacificamente ammesso dagli scrittori e dalla giurisprudenza che i giudizi di mera interpretazione di una fatto dubbio o controverso, ossia i giudizi col quale il magistrato, dato il tenore di un atto, interpreta la volonta` dubbia ed oscura dei contraenti o del testatore sono giudizi sovrani del magistrato che statuisce sul merito, incensurabile in cassazione" – "**Marchese Riccardo Cassar Desain noe et –vs– Giovanni Spiteri**", Appell 25 ta' Novembru 1926; "**Negozjant Giuseppe di Ruggero Wismayer –vs– Giovanni Wismayer**", Appell, 7 ta' Dicembru 1936.

(4) Biex jigi eradikat id-dritt ghal ritrattazzjoni, ir-rikorrent irid jipprova bil-premessa tieghu illi l-Qorti applikat il-ligi l-hazina u mhux li applikat il-ligijiet tajba b'mod hazin – "**Reginald Micallef et noe –vs– Godwin Abela et noe**", Appell Kummercjali, 3 ta' Gunju 1994.

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet tal-principju, il-gudizzju tal-Qorti kif invokat mir-ritrattandi huwa limitat ghall-ewwel stadju tal-procedura tar-ritrattazjoni, u cioe`, dik 'in rescindendo'.

Kif taraha din il-Qorti, l-impunjattiva tas-sentenza mir-ritrattandi hi arginata f'dan is-sens. Huma qed jallegaw li din il-Qorti ma kellha qatt tibbaza d-decizjoni taghha fuq l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili, u lanqas ma kellha tapplika l-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplat fl-Artikolu 2153 ta' l-istess Kodici Civili, u dana peress li l-kawza ma kinetx imsejsa fuq talba ghad-danni, izda kawza dikjaratorja ta' ghemil amministrattiv ezercitat, skond huma, "grossolament zbaljat u manifestament ingust, ultra vires u konsegwentement nulla".

Din il-Qorti tosserva, pero`, li l-applikazzjoni o meno ta' l-artikoli msemmija kien il-punt kontrovers li gie diskuss u deciz minn din il-Qorti bis-sentenza taghha ta' Jannar 2007. Id-dubju u l-kontroversja quddiem din il-Qorti kien appuntu jekk l-agir lamentat tal-War Damage Commission

kienx milqut bl-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili, u, f'kaz affermattiv, jekk dak l-agir kienx soggett ghat-terminu ta' preskrizzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 2153, u l-gudizzju tal-Qorti fuq din l-analizi ghandha titqies wahda sovrana.

Din il-Qorti, fis-sentenza attakkata, mill-ewwel fehmet li l-kaz kien wiehed ta' stharrig ta' ghemil amministrattiv, tant li fil-bidu nett tas-sentenza qalet hekk dwar in-natura tal-kawza:
"Din hija kawza ta' stharrig gudizzjarju ta' decizjoni tal-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra imwaqqfa bis-sahha ta' l-Ordinanza Numru III ta' l-1943, fejn l-atturi qeghdin jallegaw illi l-likwidazzjoni tal-"proper cost" li ghamlet il-Kummissjoni bhala kumpens tal-hsarat li jiffurmaw il-meritu tal-*claim* ta' l-atturi hija in vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza, u konsegwentement hija *ultra vires* u nulla."

Kwindi, din il-Qorti fehmet sew x'kienet il-kwistjoni li kellha tistharreg, u wara li ghamlet analizi tas-sitwazzjoni sabet li l-materja hi regolata bl-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili, li jobbliga lil dak li jkun ghall-hlas tal-hsara li tigri jekk "jikser xi dmir impost mil-ligi". L-applikazzjoni ta' dan l-artikolu ghall-kaz kien rizultat ta' analizi u stharrig li ghamlet din il-Qorti, u din l-interpretazzjoni tal-Qorti ta' l-aspetti legali tal-kaz hija insindikabbli f'dan l-istadju.

L-istess jista' jinghad ghad-decizjoni tal-Qorti li tqis li l-agir in kwistjoni huwa soggett ghall-preskrizzjoni kontemplat fl-Artikolu 2153, li jistabilixxi li meta si tratta minn responsabbilita` ghall-hsara, mhux kagunati b'reat, it-terminu preskrittiv huwa ta' sentejn. Din il-Qorti, fis-sentenza precitata taghha, ma accettatx l-argument tar-ritrattandi illi la darba l-ligi li holqot il-War Damage Commission ma ndikatx terminu ta' preskrizzjoni, allura l-agir ta' dik il-Kummissjoni ma hu suggett ghal ebda terminu preskrittiv; irragunat illi la darba d-disposizzjonijiet dwar il-preskrizzjoni fil-Kodici Civili huma ta' natura generali, ma kienx hemm htiega illi l-preskrizzjoni tissemma' specifikament fil-ligi li holqot dik il-Kummissjoni; dan ikun mehtieg li jsir meta l-legislatur ikun irid jiddipartixxi ghar-rigward mir-regoli generali li jirregolaw

kull azzjoni b'mod generali. Kwindi hu car li l-applikazzjoni o meno ta' l-artikolu tal-ligi in kwistjoni kienet rizultat ta' interpretazzjoni u analizi li ghamlet din il-Qorti tal-ligi u tac-cirkustanzi tal-kaz, u dan hu komportament insindikabbli fl-istadju ta' ritrattazzjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talba ta' l-atturi ritrattandi ghat-thassir tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-12 ta' Jannar, 2007.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-atturi ritrattandi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------